MALTA

# TRIBUNAL GHALL-INVESTIGAZZJONI TA' INGUSTIZZJI

## ONOR. IMHALLEF LINO FARRUGIA SACCO

Seduta tas-16 ta' Jannar, 2003

Rikors Numru. 641/1997/1

Martin Borg
vs
Malta Maritime Authority

It-Tribunal,

**RIKORS:**
Ra r-rikors li bih ir-rikorrent wara li ppremetta illi bejn id-9 ta' Mejju 1987 u l-15 ta' Mejju 1995 ir-rikorrent sofra ingustizzja u b'mod aktar preciz fi jew ghall-habta tas-sena 1993 huwa sofra ingustizzja peress li ma nghatax appointment li kien ikkwalifikat ghalih.

Illi l-fatti kienu kif gej:

1. Illi r-rikorrent kien ghamel madwar tmintax-il sena jahdem fuq il-bahar bhala radio officer.

2. Illi r-rikorrent ilu jahdem f'dan il-qasam ghal hafna zmien u sahansitra huwa ben kwalifikat fil-Maritime

Radiocommunications General Certificate u Coxains Ticket.

3. Illi r-rikorrent attenda diversi korsijiet barra minn Malta fir-rigward tas-safety fuq il-bahar u attenda wkoll ghall-korsijiet fil-purchasing u advertising fil-qasam marittimu.

4. Illi fis-sena 1993 ir-rikorrent kien applika ghall-post ta' Radio Inspector mal-Malta Maritime Authority u fil-15 ta' Novembru, 1993, ir-rikorrent applika ghall-post ta' Security Officer mal-istess Awtorita` (Dok A-D).

5. Illi ghalkemm ir-rikorrent applika, attenda ghall-interviews ghal dawn il-postijiet u anki f'okkazjoni minnhom tawh x'jifhem li seta' kien hemm possibilita` li jinghata dan l-impjieg, qatt ma gie maghzul.

6. Illi sussegwentement, ir-rikorrent applika ghall-post ta' Safety and Security Manager mal-istess Awtorita` u dan kien fit-22 ta' Marzu, 1994 (Dok E-G).

7. Illi effettivament, ir-rikorrent rega' kellu interview u rega' ma giex maghzul.

8. Illi fit-18 ta' Jannar, 1997, ir-rikorrent rega' applika ghall-post ta' Flag and Port State Inspector mal-Awtorita` Marittima u rega' gie negat dan il-post minkejja li kien attenda ghall-interview u kien mar tajjeb (Dok H-K).

Illi huwa kien bi hsiebu jgib biex isostni l-ilment tieghu lix-xhieda murija fl-elenku li jindika ghar-rigward ta' kull xhud dawk il-fatti li r-rikorrent kien bi hsiebu jgib prova dwarhom bix-xhieda tieghu.

Ghaldaqstant, ir-rikorrent talab lil dan it-Tribunal li jisma' u jiddeciedi dan l-ilment u dan skond l-Att ta' 1997 dwar it-Tribunal ghall-Investigazzjoni ta' Ingustizzji, billi jinghata rimedju, billi jigi ordnat illi jinghata l-impjieg li kien jisthoqqlu, jew inkella jekk dan ir-rimedju ma jistax jinghata, li jigi ordnat li jithallas kumpens ta' mhux aktar minn Lm5000.

Ra l-lista tax-xhieda u dokumenti prezentati mir-rikorrent.

**ECCEZZJONIJIET:**
Ra r-risposta ta' Dr Carmel Chircop ghan-nom ta' l-Awtorita` Marittima li eccepixxa:-

Illi l-Awtorita` Marittima filwaqt li cahdet l-allegazzjonijiet maghmula minn Martin Borg, xtaqet iggib a konjizzjoni tat-Tribunal is-segwenti:

Illi l-fatti li r-rikorrent applika erba' darbiet sabiex jigi impjegat ma' l-Awtorita bla ebda mod ma ghandu jitqies bhala vantagg jew preferenza favur ir-rikorrent fuq ohrajn li applikaw darba jew darbtejn.

Illi l-Awtorita` kull meta ghamlet xi sejha ghall-applikazzjoni sabiex timpjega xi persuna maghha dejjem ikkonsidrat l-applikazzjonijiet kollha. Is-Sur Borg dejjem gie msejjah sabiex jattendi interview.

Illi l-Awtorita` meta tigi biex taghmel l-ghazla taghha, a parti l-kwalifikazzjonijiet edukattivi u esperjenza ta' xoghol, dejjem tiehu in konsiderazzjoni fatturi ohra li l-Awtorita` thoss li persuna addatata ghal-dak ix-xoghol partikolari ghandu jkollha.

Illi r-rikorrent fir-rikors tieghu ghamel riferenza biss ghall-kwalifikazzjonijiet tieghu minghajr ebda konsiderazzjoni ghall-kwalifiki ta' dawk l-individwi li finalment gew maghzula sabiex jahdmu ma' l-Awtorita`.

Illi r-rikorrent elenka d-drabi li fihom applika ma' l-Awtorita` minghajr ma specifika l-mod kif saret l-ingustizzja mieghu da parti ta' l-Awtorita`. Il-pretensjonijiet tar-rikorrent bl-ebda mod ma jikkwalifikaw ghall-ingustizzja.

Filwaqt li l-intimat noe gab is-suespost a konjizzjoni tat-Tribunal talab li r-rimedju mitlub mir-rikorrent jigi michud.

**PROVI:**
Illi r-rikorrent ipprezenta affidavit fejn semma li kien ghamel tmintax-il sena fuq il-bahar bhala radio officer "on

a contract basis" ma' diversi kumpaniji. Semma li ghandu certi esperjenzi f'dan il-qasam tax-xoghol u jipposjedi diversi certifikati. Segwa wkoll kors tas-safety fuq il-bahar. F' Novembru tas-sena 1993 applika ghall-post ta' Security Officer mal-Malta Maritime Authority u kellu interview. F' Novembru 1993 is-Sur Portelli nfurmah li kien ghadu ma nghatax l-impieg ta' Security Officer. Fis-16 ta' Frar ircieva li ma giex accettat.

Fit-12 ta' Frar 1994, applika ghall-post ta' Safety and Security Manager. Fl-14 ta' April 1994 gie nfurmat li ma giex maghzul.

Fit-8 ta' Marzu 1996 attenda ghal interview u wara sar jaf li dan il-post inghata lil certu Zammit Endrich.

Anthony Portelli li jahdem il-Malta Maritime Authority bhala Human Resources Manager semma li f' Novembru 1993 kien fuq bord li sar ghall-interviews ta' Security Officer. Kienu hassew li r-rikorrent kien aktar kwalifikat fuq radios u bhala radio officer u ghalhekk kienu qalulu li hu aktar kwalifikat fuq dik il-linja milli fuq dik ta' security. L-interviews tat-28 ta` Dicembru 1993 u tal-14 ta` Jannar 1994 kienu ghall-istess post, dejjem ta' Security Officer.

Security Officers kienu dahlu xi tnax. Il-kundizzjoni primarja biex wiehed jigi moghti dan il-post kienet esperjenza precedenti u ghalhekk kienet importanti li wiehed ikun gja ghamel xi zmien fil-militar jew bhala pulizija. Kienu applikaw xi 200 ruh ghal dan il-post.

Irreferixxa ghall-iskeda a fol 43 tal-process li fiha l-hamsa minn nies li dahlu fl-ewwel ingagg u impjegaw bhala Security Officers. Kienu ghamlu enfasi qawwija ghan-nies li diga` kellhom esperjenza fis-security b' mod li min gie ngaggat kien fil-Pulizija, jew fl-Armed Forces, jew kienu guards mal-Ambaxxata Amerikana jew kienu Petty Officers fin-Navy li parti mix-xoghol taghhom ikun guard jew ghassa ma' vapuri, installations tan-Navy ecc. Dwar Borg sa fejn setghu jaraw mis-CV tieghu u mill-interview, ma kellux din l-esperjenza. Dwar Radio Inspector l-ewwel darba li dahhlu lil xi hadd kien fl-1997.

**KONKLUZJONIJIET:**

Illi ghalhekk jirrizulta li r-rikorrent qed jallega li sofra ingustizzja meta ma ntaghzilx wara li applika mal-Maritime Authority kemm ghal Security Officer kif ukoll ghal Radio Inspector, u Safety and Security Manager. Irrizulta li fil-fatt kienu dahlu xi ghaxra minn nies bhala Security Officers f'’zewg ingaggi u kien fl-1997 li dahlu Radio Inspector. Dwar Radio Inspector jigi rilevat li l-artikolu 5(4) tal-Kap. 394 jispecifika li l-Att ma ghandu jkun japplika ghal ebda att jew ommissjoni li graw qabel id-9 ta’ Mejju 1987 jew wara l-15 ta’ Mejju 1995. Illi ghalhekk l-allegazzjoni ta’ ingustizzja fuq il-hatra ghal Radio Inspector tezorbita mill-kompetenza tat-Tribunal *ratione temporis*.

Dwar l-ingagg ta’ Security Officers irrizulta li huwa veru li r-rikorrent kien applika ghal dan il-post u li ntaghzlu xi ghaxra minn nies ohra izda l-Awtorita` intimata ssostni li kull min intghazel gja kellu esperjenza f’ din il-linja bhala pulizija, fl-Armed Forces, guard ma’ ambaxxata u Petty Officers fin-Navy u li ghalhekk gja kelhom esperjenza ta’ xoghol ta’ ghassa. Certament dan ma jammontax ghal xi distinzjoni, eskluzjoni jew preferenza indebita li tkun saret jew inghatat bi hsara ghalih, jew minhabba xi inkapacita` jew restrizzjoni li huwa kellu jgarrab minhabba xi azzjoni ta’ l-Awtorita` intimata. Ghalhekk it-Tribunal jilqa’ l-eccezzjoni moghtija mill-Awtorita` intimata u jichad it-talba tar-rikorrent.

Minhabba n-natura tal-kaz spejjez bla taxxa.

--------------------------------TMIEM--------------------------------